# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2024

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 454/2021 ISB**

**Anna Vassallo gia Spiteri (ID 449959m)**

**Vs**

**Avukat tal-Istat u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2022 ġie kjamat in kawża Dr Mario Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Anna Vassallo**, li permezz tiegħu, talbet lil din il-Qorti sabiex:

*(1) tiddikjara li hemm elementi kemm oggettivi u kemm soggettivi li ghandu kun hemm l-astenzioni tal-gudikant sedenti il-kawz sort Civili Sezzioni tal-Familja bi-numri 35/17AL U 272/17 AL, li gabu u aktar se igibu volazzioni tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzioni.*

*(2) taghti rimedju immedjat biex jiegfu l-proceduri, fil-kawzi msemmija stante li kull pass li jsir minn issa ' l quadiem ikun lesiv tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenjzoni Ewropea u 39(2) ta' Kostituzzioni.*

*(3) taghti kull rimedju iehor li jidrilha xieraq u fil-poter taghha.*

U dan wara illi ppermettiet:

*Illi hija ghandha zewg kawzi pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja li igibu n-numri 35/17 AL u 272/17 AL, it-tnejn differiti issa ghat-13 ta' Ottubru 2021.*
*Illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2021 l-esponenti kienet tat istruzzjonijiet lill-avukat sottoskritt biex joggezziona ghal li Dr Blundell ikompli bin-nomina li kienet saret.*

*Ir-reazzioni tal-qorti fuq dak l-element kien kif rifless fil-verbal tal-istess qorti.*

*Pero immedjatament il-gorti kif preseduta f'dawk il-kawzi li kienu qed isiru kontestwalment daret fuq l-avukat sottoskritt li kien qieghed jidher ghall-ewwel darba ghan-nom tal-attrici u konvenuta f'dawn il-kawzi kif jirrizulta mill-verbali li kien qed jassumi l-patrocinju. L-Onorabbli Qorti tal-Familja wara li kien hemm dibattitu fuq in-nomina ta' esperti kif jirrizulta mill-verbali, daret fuq l-avukat sottoskritt u ghaddietlu kummenti li tithassru, titlob ghalih, ghax taf liema salib kien dahal ghalih u espressjonijiet simili.*

*Dawn l-espressjonijiet l-esponenti fehmithom sewwa li jirriflettu fugha u fuq anke l-istabbilita taghha. Hasset dan il-kliem bhala li kien qed inaqqas minn dik l-oggettivita u mparzjalita minn naha tal-gudikant fuq il-kas taghha.*

*Illi wara riflessjoni twila, l-esponenti fis-26 ta' Marzu 2021 ipprezentat rikors fejn talbet ir-rikuza tal-gorti kif kienet preseduta.*

*Illi b'digriet tad-29 ta' Marzu 2021 l-ewwel Onorabbli Qorti, l-Qorti Civili Sezzioni tal-Familja, tat spjegazzioni dwar aspett tal-incident però kif jirrizulta mill-istess digriet sahansitra kitbet il-kliem, "illi r-rikorrenti tibdel l-espert u l-avukat u issa tibdel ukoll lill-gudikant!"* ***Fuq dan ged isir enfasi ghaliex jirrifletti fuq dak illi digà inghad.***

*Illi b'digriet tal-21 ta' Mejju 2021 il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja cahdet it-talba ta' rikuza u dan peress li qalet li tichad kategorikament li hija insinwat li r-rikorrenti mhijiex, "sana di mente" u cahdet it-talba.*

*Fid-9 ta' Gunju l-esponenti pprezentat talba fiz-zewg kawzi ghall-permess halli tista tappella u hawnhekk qamet tahwida shiha. Filwaqt li z-zewg rikorsi gew ipprezentati flimkien, wiehed beda jinstab u l-iehor sparixxa.*

*Filwaqt li fil-kawza 272/17 b'digriet tal-15 ta' Gunju l-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja lagghet it-talba ghall-permess, però ghamlitha cara, "se tkompli tisma' l-provi kollha sakemm tinghata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell."*

*Tant kienu saru z-zewg rikorsi flimkien miz-zewg kawzi li b'digriet tad-29 ta' Marzu 2021 fil-kawza 35/2017 AL il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja ddekretat illi, "rat ir-rikors ta' Anna Vassallo gia Spiteri tas-26 ta' Marzu 2021. Tirreferi lir-rikorrenti u lill-intimat ghad-digriet taghha ta' llum fl-atti tar-rikors guramentat 272/2017 AL." Dan jipprova bizzejjed li kienu dahlu Z-zewg rikorsi. Fil-25 ta' Gunju 2021 il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja ghamlet referenza ghar-rikors ta Anna Vassallo tad-9 ta Gunju 2021 u r-risposta u lagghet it-talba b'dak li l-assistenta gudizzjarja tkompli bis-smigh tal-provi.*

***Ilmenti.***

*L-esponenti qed tilmenta li ma jistax ikollha gudizzju imparzjali minhabba I-element suggettiv tal-gudikant u dan in violazzioni tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzioni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u wkoll dwar I-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzioni. Fil-fatt diga' kien hemm tali vjolazzioni.*

*L-esponenti giet fis-sitwazzioni li minhabba kif inghataw id-digrieti ma tistax sempliciment taghmel appell peress illi dan I-element tal-imparzjalita mhuwiex biss dawk li hemm fl-Artiklu 733 tal-Kap. 12 imma taqa' wkoll taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa wkoll taht il-ligi ordinarja tal-pajjiz u ghandha valur superjuri fdan il-qasam ghal dak li hemm fil-Kap. 12.*

*Barra minn hekk, il-Kostituzzioni hija superjuri ghall-Kap. 12 u dan wara li kien ghadda z-zmien previst fl-istess kostituzzioni li wiehed ma setax jikkontesta I-validita ta' xi haga li hemm f'kodicijiet bhal Kodici Civili, il-Kodidi ta' Procedura, il-Kodici Kriminali u I-Kodici tal-Kummerc.*

*Illi I-kwistjoni tal-element suggettiv tohrog minn dan li gej u dioe il-kawza Micallef kontra Malta tal-Grand Chamber. F'dan il-kas hemm zewd elementi mportanti. L-ewwel li tista' tagixxi qabel tistenna s-sentenza finali jaraha I-parti fil-kawza.*
*u t-tieni xi tfisser limparzjalita suggettiva tal-gudikant mill-liema aspett*

*Fis-sentenza Micallef v Malta ECHR Grand Chamber 15/10/2009 (Cut and huma D -93 et seq fl-original) Paste mill-oirignal, pero jidher li fil-pasting inbidlu n-numri. Il-paragrafi*

*"1. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, inter alia, Fey v. Austria, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 42, ECHR 2000-XII).*

*2. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

*3. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the*

*presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*4. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, 1996-111) and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports*

*5. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Menarió v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings re-spectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*6. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).*

*7. Moreover, in order that the courts may inspire in the public the confidence which is indispensable, account must also be taken of questions of internal organisation (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, § 30 (d), Series A no. 53). The existence of national procedures for ensuring impar-tiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes of such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see Menaric, cited above, § 27). The Court will take such rules into account when making its own assessment as to whether a tribunal was impartial and, in particular, whether the applicant's fears can be held to be objectively justified (see, mutatis mutandis, Pescador Valero v. Spain, no. 62435/00, §§ 24-29, ECHR 2003-VII).*

*2. Application to the present case*
*8. The Court notes that specific provisions regarding the challenging of judges were set out in Article 734 of the Code of Organisation and Civil Procedure (see paragraph 28 above). The Grand Chamber, like the Cham-ber, cannot but observe that Maltese law as it stood at the time of the present case was deficient on two levels. Firstly, there was no automatic obligation for a judge to withdraw in cases*

*where impartiality could be an issue, a matter which remains unchanged in the law in force at present. Secondly, at the time of the present case the law did not recognise as problematic - and therefore as a ground for challenge - a sibling relationship between judge and advocate, let alone that arising from relationships of a lesser degree such as those of uncles or aunts in respect of nephews or nieces. Thus, the Grand Chamber, like the Chamber, considers that the law in itself did not give adequate guarantees of subjective and objective impartiality.*

*9. The Court is not persuaded that there is sufficient evidence that the Chief Justice displayed personal bias. It therefore prefers to examine the case under the objective impartiality test which provides for a further guarantee.*

*10. As to the objective test, this part of the complaint is directed at a defect in the relevant law under which it was not possible to challenge judges on the basis of a relationship with a party's advocate unless it was a first-degree relationship of consanguinity or affinity (see paragraph 28 above). Consequently, in the present case, Mrs M. was faced with a panel of three judges, one of whom was the uncle of the opposing party's advocate and the brother of the advocate acting for the opposing party during the first-in-stance proceedings whose conduct was at issue in the appeal. The Grand Chamber is of the view that the close family ties between the opposing party's advocate and the Chief Justice sufficed to objectively justify fears that the presiding judge lacked impartiality. It cannot be overlooked that Malta is a small country and that entire families practising law are a common phenomenon. Indeed, the Government have also acknowledged that this had become a recurring issue which necessitated action resulting in an amendment to the relevant law, which now includes sibling relationships as a ground for withdrawal (see paragraph 29 above).*

*11. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that the composition of the court was not such as to guarantee its impartiality and that it failed to meet the Convention standard under the objective test.*

*12. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 of the Conven-tion.*

*L-esponenti tirreferi ghall-kliem li ntqal, imma hemm ukoll l-espressioni fid-digriet tal-Qorti fejn taghmel kumment fuq li l-esponenti tibdel l-espert, tib-del l-avukat u issa trid tibdel il-gudikant.* ***Dan hu miktub u certament jaghmel value judgment fuq il-personalita tal-esponenti. Mhux xi kompliment.***

*Inoltre I-fatt li mikejja li nghata permess (sa certu punt) tal-appell, il-fatt li I-Qorti zammet tahtha d-dritt li tkompli bil-provi, gisha din mhix parti mill-proceduri li naturalment ikollhom influwenza fuq il-gudizzju finali.. U x'jigri jekk jingala incident dwar xi prova li jkun hemm bzonn decizioni tal-gudikant ?*

*L-esponenti taghmel riferenza ghall-aspett psikologiku tal-parti fil-proce-duri. Dan importanti u I-Qorti Ewropeja tajtu mportanza u mhux ftit.*
*Illi mill-kumpless tal-fatti kollha jirrizulta ampjament illi skont il-Konvenzjoni Ewropeja u I-Kostituzzioni huwa I-kas li I-gudikant f dawn iz-zewg kawzi jastjeni milli jkompli jiehu konjizzioni ulterjuri tal-kazi imsemmija kif ukoll jieqaf milli jhalli I-proceduri ghaddejjin li Jibaghu taht il-kontroll tal-istess gudikant. Il-fatt innifsu li l-ewwel Qorti zammet it-tregija fidejha, skont id-digriet taghha stess, diga' jikkostitwixxi vjolazzioni lamentata. Dan ma kienx kaz bhal dak fl-Appell 231/18 Cachia v Kummert fejn kien hemm appell fuq xhud wiehed, li ma kellux iwaqqaf il-proceduri u wiehed jistenna l-appell. Hawn si tratta tal-poter tal-gudikant.*

*Jistghu jinholqu kwistjonijiet dwar ix-xhieda li tkun qed tinstema', li hadd ma jista jipprevedihom. Ghalhekk hekk bzonn anke rimedju temportanju halli tigi evitata kull vjolazzioni tal-Artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzioni.*

*Illi taghti rimedju effettiv halli tali violazzioni ma tavverax ruhha kif previst mill-istess sentenza Micallef vs Malta li jkun hemm dannu reparabbli li jista' jigi evitat Fis-sentenza Ramljak v Croatia 27/06/2017 il-Qorti Ewropea qalet (para 31) " **The Court has made clear that where there is a legitimate reason to fear that a judge lacks impartiality then that judge must withdraw**. "*

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-14 ta' Lulju 2021 fil-12:15p.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimat **Avukat tal-Istat** intavolata fit-13 ta' Lulju 2021 (fol 10) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu ta' l-istess rikorrenti;*

2. *Illi ma jidhirx li r-rikorrenti uzufruwiet minn, u ezawriet, ir-rimedji ordinarji li kienu a dispozizzjoni taghha, u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tisma u tiddeciedi din il-kawza;*

3. *Illi r-rikorrenti trid tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi li dak li hi tallega effettivament kien avvera ruhu;*

4. *Illi dak allegat mir-rikorrenti ma jsib ebda konfort fil-verbali tal-kawzi indikati minnha u certament ma jirrizulta ebda animozita` min-naha ta' l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro lejn ir-rikorrenti;*

5. *Illi pjuttost, jidher li r-rikorrenti hija bniedma difficli, tant li l-Qorti kellha sahansitra tindikalha espressament illi kwalunkwe oggezzjoni li seta kellha dwar il-hatra u/jew relazzjoni ta' espert tal-Qorti ma kenitx legalment sostennibbli, u li r-rikorrenti kellha iter legali x'issegwi – dan jinghad fl-isfond li l-istess rikorrenti indikat lill-Dr. Blundell hi stess bhala espert ghall-iskopijiet taghha, ma ghogobhiex ir-rizultat tar-relazzjoni tieghu, u ma reditx li jitqabbad espert iehor. Ghaliex lir-rikorrenti ma ghogobhiex li, by hook or by crook, m'ghaddhietx taghha, asseriet li l-Imhallef sedenti kienet qed tigdeb u/jew pregudikata lejha, nibtet animozita` mir-rikorrenti lejn il-Qorti sal-punt li r-rikorrenti taghmel varji allegazzjonijiet inveritieri fil-konfront tal-gudikant tant li sahansitra talbet ir-rikuza ta' l-Imhallef sedenti;*

6. *Illi r-rikorrenti ghandha xortiha tajba li ma nstabietx hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti meta sahansitra kellha l-ardir tallega li l-Imhallef Sedenti kienet qed tigdeb;*

7. *Illi sa fejn ir-rikorrenti tasserixxi li l-Qorti ghamlet value judgment fuq il-personalita` tar-rikorrenti meta stqarret li r-rikorrenti f'din il-procedura bidlet espert, avukat u trid tibdel ukoll lill-gudikant fid-Digriet taghha tad-29 ta' Marzu 2021 fil-kawza fl-ismijiet **Anna Vassallo vs Mario Spiteri** (Rik. Nru. 272/17 AL), dan ma kien value judgment xejn izda indikazzjoni ta' stat ta' fatt, kif jirrizulta mill-atti processwali f'dik il-kawza. Certament*

*dak l-istat ta' fatt ma jistax jitqies li tikkostitwixxi xi kumment dispreggjativ, jew xi turija ta' ostilita` min-naha ta' l-Imhallef li b'xi mod jiggustifika r-rikuza taghha, jew li tledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

8. *Illi forum shopping, bhal dak li ttentat ir-rikorrenti meta talbet ir-rikuza ta' l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro, u bhal ma hi qed taghmel ir-rikorrenti wkoll f'dawn il-proceduri, m'ghandux ikun permess, u jikkostitwixxi abbuz tal-procedura li dina l-Onorabbli Qorti mhux biss m'ghandhiex tippermetti, izda ghandha ticcensura bil-qawwa kollha, inter alia billi tqis din il-kawza bhala wahda frivola u vessatorja;*

9. *Illi ghall-iskop ta' l-ewwel talba, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, la saret, u lanqas x'aktarx ser ikun hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

10. *Illi ghall-iskop tat-tieni u t-tielet talba, ma hemm ebda raguni valida ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti ghandha twaqqaf immedjatament il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja u lanqas hemm lok ghal kwalunkwe rimedju galadarba ma hemm ebda ksur ta' drittijiet fundamentali. It-twaqqif tal-proceduri li titlob ir-rikorrenti jippregudika l-partijiet l-ohra involuti fiz-zewg kawzi, u certamentmhux fl-ahjar interess tal-minuri koncernata in kwantu ser itawwal iz-zmien ta' l-iter gudizzjarju ben oltre l-4 snin li dawn il-kawzi diga` ilhom ghaddejjin.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2021, id-difensuri tal-partijiet itrattaw it-tieni talba mressqa mir-rikorrenti u qablu li din il-Qorti tagħti deċiżjoni dwar l-istess.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-istess talba.

Rat id-deċiżjoni *in parte* tagħha tal-24 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha ċaħdet it-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022, ir-rikorrenti ppreżentat l-affidavit tagħha stess (fol 40 sa fol 46) bil-premessa li kellha tippreżenta numru ta' dokumenti li saret referenza għalihom fl-istess affidavit fil-mori tad-differiment.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2022, id-difensur tar-rikorrenti talab aktar żmien sabiex jippreżenta d-dokumenti li saret referenza għalihom preċedentement, liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti. Rat ukoll li fuq talba tal-istess difensur tar-rikorrenti, il-Qorti awtorizzat li jsir appell mill-imsemmi digriet.

Rat in-nota tar-Rikorrenti intavolata fil-21 ta' Ottubru 2022 (fol 48) li permezz tagħha ppreżentat affidavit tal-**Avukat Joseph Brincat** flimkien ma' numru ta' dokumenti (fol 49 sa fol 53).

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2022, id-difensur tar-rikorrenti ppreżenta rikors fejn din il-Qorti intalbet tagħti miżura proviżorja għar-raġunijiet hemm indikati (fol 55).

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2022, il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Ottubru 2022 u ordnat il-kjamat in kawża ta' Dr Mario Spiteri.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat intavolata fit-22 ta' Novembru 2022 (fol 59) għat-talba tar-rikorrenti għal miżura proviżorja.

Rat id-Digriet tagħha tal-5 ta' Diċembru 2022 (fol 63) li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal miżura proviżorja.

Rat ir-Risposta tal-kjamat in kawża Mario Spiteri intavolata fit-8 ta' Marzu 2023 (fol 70) li permezz tagħha eċċepixxa:

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu ta' l-istess rikorrenti;*

*2. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandha tindika b'mod car l-ilment taghha fil-kawza 272/17AL galdarba din giet ceduta minnha fit-18 ta' Mejju 2022.*

*3. Illi inoltre u preliminarjament ukoll ir-rikorrenti ghandha tindika b'mod car x'inhi l-lanjanza taghha fil-kawza 35/17Al u tipprezenta l-verbal jew verbali li fuqhom qed tibbaza dawn il-proceduri.*

*4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess ma jidhirx li r-rikorrenti uzufruwiet minn, u ezawriet, ir-rimedji ordinarji li kienu a dispozizzjoni taghha cioe li tappella wara li inghata permezz taghmel dan mid-digriet /i li qed tilmenta dwarhom u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tisma u tiddeciedi din il-kawza;*

*5.**Rigward kawza 272/17 AL***

*5. (i)Illiinoltre u bla pregudizzju ghal premess l-kawza numru 272/17 AL giet ceduta mir-rikorrenti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' x'gara f'dik il-kawza; anke kieku kellha taghmel dan l-Qorti ssib li lil Professur Renald Blundell ghazlitu r-rikorrenti bhala espert u meta r-rapport tieghu ma kienx dak li xtaqet ir-rikorrenti , ir-rikorrenti minflok imxiet mal-proceduri u teskuti lil Professur Renald Blundell u titlob periti perizjuri riedet li l-Qorti tappunta espert iehor tad-DNA. Ovvjament l-Imhallef sedenti li hija obligata timxi mal-procedura ma setghetx tilqa t-talba taghha.*

*(ii)U ghaliex ma ghaddietx taghha, r-rikorrenti asseriet li l-Imhallef sedenti kienet qed tigdeb u/jew pregudikata lejha, nibtet animozita` mir-rikorrenti lejn il-Qorti sal-punt li r-rikorrenti taghmel varji allegazzjonijiet inveritieri fil-konfront tal-gudikant tant li sahansitra talbet ir-rikuza ta' l-Imhallef sedenti;*

*(iii)Illi l-esponenti kien irrisponda ghar-rikors tar-rikorrenti tad-9 ta' Gunju 2021 f'din il-kawza sabiex tinghata permess tappella mid-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni*

*familja) li permezz tieghu cahditilha t-talba sabiex l-Qorti tappunta espert tad-DNA iehor.*

*(iii)Illi mill-atti ghandu jirrizulta tali permess inghatlaha izda minflok ma ghamlet l-appell ir-rikorrenti cediet il-kawza numru 272/17 AL fit-18 ta' Mejju 2022 u ghalhekk din il-Qorti fl-umli fehma tal-esponenti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' dak li gara fil-kawza 272/17Al stante li l-hatra tal-professur Blundell saret fil-kawza 272/17 AL biss.*

*(iv) Illi ghalhekk dak li qed tallega r-rikorrenti cioe fejn ir-rikorrenti tasserixxi li l-Qorti ghamlet value judgment fuq il-personalita` tar-rikorrenti meta stqarret li r-rikorrenti f'din il-procedura bidlet espert, avukat u trid tibdel ukoll lill-gudikant fid-Digriet taghha tad-29 ta' Marzu 2021 fil-kawza fl-ismijiet* ***Anna Vassallo vs Mario Spiteri*** *(Rik. Nru. 272/17 AL), dan ma kien value judgment xejn izda indikazzjoni ta' stat ta' fatt, kif jirrizulta mill-atti processwali f'dik il-kawza. Certament dak l-istat ta' fatt ma jistax jitqies li tikkostitwixxi xi kumment dispreggjativ, jew xi turija ta' ostilita` min-naha ta' l-Imhallef li b'xi mod jiggustifika r-rikuza taghha, jew li tledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

*(v)Illi l-kawza 272/17AL ir-rikorrenti cedietha fit-18 ta' Mejju 2022 u li ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-lanjanzi tar-rikorrenti ghar-rigward din il-kawza.*

***6. Rigward kawza 35/17 AL***

*(ii) Illi l-kawza l-ohra kawza numru 35/17 fl-ismijiet inversi ghadha sejra u kif ser jirrizulta lil din l-Qorti mil-verbali fl-istess kawza r-rikorrenti aktar tghaddi z-zmien qeghda milli ttella l-provi taghha. L-attur cioe r-rikorrenti ilu li ghalaq il-provi tieghu zmien.*

*(iii) Illi ghalhekk l-esponenti ma jistghax jifhem kif ir-rikorrenti qed tilmenta dwar l-imhallef sedenti li kienet u ghadha tiehu pacenzja bir-rikorrenti b'pacenzja ta' gobb. Illi ghalhekk dak allegat mir-rikorrenti ma jsib ebda konfort fil-verbali tal-kawzi indikati minnha u certament ma jirrizulta ebda animozita` min-naha ta' l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro lejn ir-rikorrenti; anzi ghandu jirrizulta lil dina l-Onorabbali Qorti kemm l-imhallef Abigail Lofaro kienet u ghadha qed tiehu pacenzja bir-rikorrenti.*

*7. Illi r-rikorrenti ghandha xortiha tajba li ma nstabietx hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti meta sahansitra kellha l-ardir tallega li l-Imhallef Sedenti kienet qed tigdeb;*

*8. Illi forum shopping, bhal dak li ttentat ir-rikorrenti meta talbet ir-rikuza ta' l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro, u bhal ma hi qed taghmel ir-rikorrenti wkoll f'dawn il-proceduri, m'ghandux ikun permess, u jikkostitwixxi abbuz tal-procedura li dina l-Onorabbli Qorti mhux biss m'ghandhiex tippermetti, izda ghandha ticcensura bil-qawwa kollha, inter alia billi tqis din il-kawza bhala wahda frivola u vessatorja;*

*9. Illi ghall-iskop ta' l-ewwel talba, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, la saret, u lanqas x'aktarx ser ikun*

*hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*10. Illi ghall-iskop tat-tieni u t-tielet talba, ma hemm ebda raguni valida ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti ghandha twaqqaf immedjatament il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja u lanqas hemm lok ghal kwalunkwe rimedju galadarba ma hemm ebda ksur ta' drittijiet fundamentali. It-twaqqif tal-proceduri li titlob ir-rikorrenti jippregudika l-partijiet l-ohra involuti fiz-zewg kawzi, u certamentmhux fl-ahjar interess tal-minuri koncernata in kwantu ser itawwal iz-zmien ta' l-iter gudizzjarju ben oltre l-4 snin li dawn il-kawzi diga` ilhom ghaddejjin.*

*11. Illi a kull buon fini l-esponenti qed jinforma lil Qorti b'dan li gej sabiex juri l-agir tar-rikorrenti sakemm waslet ghal dawn il-proceduri:*

*(a)il-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Ivan Barbara f'liema kuntratt il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhom ebda pretentensjoni kontra xulxin.*

*(b)L-attrici kienet riedet lil Avukat Joe Brincat liema avukat qed jippatrocinha issa u l-esponenti kien qabel li jkollhom avukat wiehed. Il-kuntratt sar minn l-avukat tal-attrici Dr Joseph Brincat bi qbil bejn l-attrici u kien gie approvat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili kien kienet il-procedura dak iz-zmien.*

*(c) Sussegwentement l-attrici talbet id-divorzju u d-divorzju inghata fil-25 ta' Mejju 2017* ***Rik. Nru 97/2017 Imh Abigail*** *u li meta hija ghamlet it-talba ghad-divorzju kienet qed tirrikonoxxi li ma ghandha ebda pretensjoni kontra l-esponenti.*

*(d) Gara li l-esponenti sar jaf li l-attrici kisret il-kondizzjoni para 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni cioe li hija tibqat ghix fid-dar matrimonjali proprjeta kongunta tal-partijiet sakemm tghix more uxorio. L-esponenti sar jaf li l-attrici kienet qed tghix ma' ragel iehor fid-dar certu Olaf Cini u qabel kellha rgiel ohrajn u intavola kawza fil-Qorti Civili (sezzjoni tal-familja) kawza nru* ***35/17 AL*** *liema kawza ghadha pendenti.*

*(e) attrici intavolat kawza ohra quddiem l-istess Qorti kawza numru* ***272/17 AL*** *li fiha talbet lil Qorti tiddikjara li t-tifla li ghandha l-partner tal-esponenti miz-zwieg precedenti taghha kienet tal-esponenti u li meta l-esponenti pprezenta d-DNA test ex parte maghmul minn Dr Marisa Cassar u meta anke l-esperta tad-DNA li ghazlet hi quddiem il-Qorti z-zewg rapporti cahdu dan hija cediet il-kawza.*

*(f) Izda dan ma kien bizzejjed u l-attrici simultaneament flimkien mal-kawza li cediet intavolat kawza ohra quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kawza numru* ***925/2017 Imh TA*** *deciza 12 ta' Jannar 2023 fejn it-talbiet tal-attrici cioe li x-xoljiment tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet stante li skond hi tali kuntratt kien vizzjat ghax skond hi l-esponenti kellu tarbija minn Eunice Briffa liema kaz huwa heba minnha ( u dan minkejja li kien hemm zewg testijiet tad-DNA li sostnew li dan mhux minnu) u talbet id-danni.*

*Gara li f'din il-kawza r-rikorrenti accettat li jigi prezentat ir-rappport tad-DNA Professur Renald Blundell fil-kawza 272/17 AL u talbet xorta ghal hatra ta' espert tad-DNA li riedet r-rikorrenti izda gara li lill-esperta li ghazlet insistiet li t-test tad-DNA isir billi televa samples tas-saliva u tax-xaghar u din l-esperta rrinunzajt ghall-*

*inkarigu infurmat lil imhallef li dak li qed jintalab minnha ma jaghmilx sens xjentifikatament; u wara li ghamlet it-tieni talba ghal espert iehor li ghazlet hi wkoll u ordnat li d-dna test isir fuq samples tas-saliva, tax-xaghar u tad-demm, l-istess espert rrinunzja ghal dan l-inkarigu wkoll. Gara li sitt xhur wara li ghalqet il-provi r-rikorrenti taghmel talba ohra din id-darba sabiex it-testijiet tad-DNA u din id-dar riedet li t-testijiet isiru billi jittiehdu zewg samples wiehed ghal Qorti u l-iehor ghaliha bhala control sample. Il-Qorti cahditilha t-talba u ghaddiet ghas-sentenza.*

*Il-kawza giet deciza fit-12 ta' Jannar 2023 kontra r-rikorrenti li appellat minnha u l-appell ghadu pendenti.*

(g) *Oltre dan, dan l-ahhar l-esponenti gie rinfaccjat b'kawza ohra kawza numru* ***863/2022 MH*** *liema kawza r-rikorrenti intavolat fl-20 ta' Settembru 2022 meta l-kawza taghha dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ghadha sub judice pendenti fl-appell kawza numru 925/2017 TA , li intavolat l-istess attrici, u fejn issa ma ghadhiex tghid li l-kuntratt ta' separazzjoni huwa vizjat izda qed tikkontendi li l-esponenti arrikkixxa ruh ingustament b'dannu ghaliha wara li ha l-Ph.D. mill-Universita ta' Southamption.*

(h) *Issa huwa gie kjamat f'din il-kawza wara r-rakkomandazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.*

(i) *Illi dawn il-kawzi kollha faqsu mir-rikorrenti wara li l-esponenti intavola l-kawza 35/2017 AL sabiex tinbiegh d-dar li l-partijiet ghandhom in komun bejniethom fejn tghix ir-rikorrenti u l-agir tar-rikorrenti huwa sabiex ittawwal dawn il-proceduri kemm tista sabiex tibqa tgawdi l-istess dar.*

*12. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*13.Illi l-esponenti ma ghandux ibaghti spejjez.*

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2023 xehdet **Charmaine Bugeja** u ġie ppreżentat il-proċess oriġinali fl-atti tal-kawża tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja Nru. 272/17AL u x-xhud ippreżentat ħames dokumenti (Dok CB1 sa Dok CB5, fol 86 sa fol 211).

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2023, l-Avukat tal-Istat ippreżenta nota (fol 82) b'żewġ dokumenti (fol 83 sa fol 85).

Rat in-Nota tal-kjamat in kawża ntavolata fil-5 ta' Ġunju 2023 (fol 212) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess (fol 213 sa fol 215).

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2023, ir-rikorrenti ppreżentat nota (fol 226) b'numru ta' dokumenti (fol 227 sa fol 241), kif ukoll xehdet in kontro-eżami.

Rat ukoll fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2023 saret id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li ma' kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2024, wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi r-rikorrenti **Anna Vassallo,** permezz tal-affidavit tagħha, tispjega li fl-2004, Dr Mario Spiteri intavola proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bir-referenza 117/2004 sabiex hi tiġi żgumbrata mid-dar matrimonjali, liema proċeduri eventwalment ċeda fil-21 ta' April 2005.

Tgħid li sussegwentement fl-2017, Dr Mario Spiteri intavola proċeduri identiċi, liema proċeduri llum għadhom pendenti bir-referenza 35/2017 fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Imħallef Abigail Lofaro. Tispjega li l-akkuża fil-konfront tagħha hi li kissret l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-2002 fejn jingħad li hi ma tistax tabita bħal koppja miżżewġa fid-dar matrimonjali. Tirrespinġi għal kollox din l-allegazzjoni mill-ex raġel tagħha li minnu llum hi ddivorzjata u fil-konfront ta' min fetħet każ ta' annullament fit-Tribunal Ekklesjastiku a bażi ta' *stalking* mentali u fiżiku u peress li allegatament uża lil uliedhom adulti sabiex jgħinuh fil-każ tiegħu fejn issostni li l-istess uliedhom gidbu taħt ġurament.

Tispjega li fl-affidavit tiegħu fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja, Dr Mario Spiteri talab lill-Qorti sabiex tibdel xi klawżoli fil-kuntratt tas-separazzjoni u fosthom li tinbiegħ id-dar matrimonjali permezz ta' subbasta fejn jingħata dritt tal-ewwel rifjut.

Ir-rikorrenti rriproduċiet it-talbiet ta' Dr Mario Spiteri fl-affidavit tagħha bħala s-segwenti:

> *Prevja u occorrendo li din l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fuq bażi ta' konvenuta għexet more et uxiorio sopraven bi ħtija tal-konvenuta, jitlob bir-rispett li din il-Qorti jgħġobha tiddikjaa l-konvenuta kisret id-disposizzjonijiet tal-klawżola numru 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Dr Ivan Bartolo:*

1. *Tordna li jitħassar l-artiklu numru (9) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni kif ġie iffirmat bejn l-partijiet sabiex fil-5 ta' Marzu 2002 atti nutar Dr Ivan Bartolo sabiex tali fond jkun jista jinbiegħ;*
2. *Tiffissa l-valur tal-fond li jinsab numru (14) Triq Is-sajf Mosta*
3. *Tipprefiggi terminu lil konvenuta sabiex tivvaka minn tali fond:*
4. *Tawtorizza l-bejgħ tal-istess fond li jinsab numru erbatax (14) Triq is-Sajf Mosta.*
5. *Tordna li l-fond li jinsab numru (14) Triq is-Sajf Mosta għandu jinbiegħ battal <u>kif stabiliet</u> minn din l-qorti.*
6. *Tawtorizza lil kull parti li tixtri sehem il-parti l-oħra tal-istess fond bil valur hekk stabilit minn din l-Qorti.*
7. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill- eventwalment kontumaċi:*

8. *Tawtorizza lill-attur sabiex jirreġistra l-eventwali sentenza u l-kuntratt fir-reġistru pubbliku;*

Tispjega li l-kuntratt tas-separazzjoni inkiteb minn Dr Joe Brincat fis-sena 2002 u kien iffirmat minnha u minn Dr Mario Spiteri fil-5 ta' Marzu 2002, liema kuntratt jista' jiġi modifikat bi qbil bejn il-partijiet jew jekk xi ħadd mill-partijiet gideb lil parti l-oħra qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt.

Tgħid li d-dar matrimonjali, fil-Mosta, kienet inxtrat minn flusha matul iż-żwieġ tagħha lil Dr Mario Spiteri. Tgħid li fis-snin tmenin hi kienet organizzat diversi esebizzjonijiet tal-arti u biegħet biżżejjed xogħol sabiex xtrat *maisonette* diċenti fil-Mosta. Issostni li f'dak iż-żmien id-dħul ta' Mario Spiteri kien minimu u kien jokkupa l-kariga ta' *Health Inspector Grade One* u kien jaqla' madwar mija u għoxrin Liri Maltin (Lm120) fix-xahar.

Tispjega li Dr Mario Spiteri kien talab li hi tagħti b'titolu ta' donazzjoni s-sehem tagħha fid-dar matrimonjali liż-żewġ uliedha u dan sabiex hi tkun tista' tgħix fil-paċi mas-sieħeb tagħha fl-istess dar. Tgħid li l-Imħallef Lofaro qablet ma' din it-talba u offriet li tkun preżenti għall-iffirmar ta' tali kuntratt anke fil-ferjat tas-sajf. Tispjega li l-avukat tagħha, dak iż-żmien Dr Mark Mifsud Cutajar, kien talab żmien sabiex ir-rikorrenti tirrifletti fuq il-proposta u wara s-sajf f'udjenza quddiem il-Qorti kienet irrifjutat, liema rifjut intlaqa' bi kliem iebes da parti ta' Mario Spiteri u tal-Qorti.

Tgħid li wara dan, l-Avukati tagħha Dr Mark Mifsud Cutajar u Dr Noel Bartolo kienu sejħulha fl-uffiċju tagħhom u tawha għażla li jew tiffirma l-kuntratt ta' donazzjoni jew titlef ir-rappreżentazzjoni tagħhom, u hi għażlet li tibdel ir-rappreżentanti legali tagħha.

Tispjega li fil-passat kienet ġiet mġiegħla minn ommha tagħti b'donazzjoni s-sehem tagħha minn post f'Bugibba u minflok kienet iffirmat prokura ġenerali li waslet sabiex tilfet kull dritt mill-wirt ta' missierha.

Issostni li in segwitu għal Dr Mark Mifsud Cutajar kienet marret għand Dr Vincent Galea li ħa f'idejh il-kawżi li kellha pendenti u bdew mexjin tajjeb flimkien iżda wara xi żmien kien tarrfilha li ma kienx hemm tama li tirbaħ id-dar quddiem l-Imħallef Lofaro iżda kienet terbaħha lura wara kawża kostituzzjonali u ddeċidiet li titolbu ittra ta' rilaxx.

Tgħid li Dr Mario Spiteri ipoteka l-proprjetà darbtejn sabiex ikompli bl-istudji tiegħu. Tispjega li Dr Mario Spiteri kien akkwista proprjetà fil-Fgura mingħand il-ġenituri tiegħu, iżda ma kienx għażel li juża din il-proprjetà sabiex ir-riskju jkun fuqha. Issostni li meta għamlet l-argument li hu kien poġġa l-proprjetà tagħha f'riskju, l-Imħallef Lofaro laqgħatha bi kliem iebes u b'hekk ma kellhiex kunfidenza li qed ikollha smigħ xieraq.

Tispjega li Dr Mario Spiteri talab li d-dar matrimonjali tinbiegħ b'subbasta u jkollha dritt tal-ewwel rifjut. Tgħid li kien għalhekk li marret lura għand Dr Joe Brincat bħala l-persuna li kien kiteb il-kuntratt ta' separazzjoni.

Tgħid li fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Familja, kien hemm affidavit ta' ħuha Dr Joseph Vassallo, li stqarr li fis-sena 2004 ir-rikorrenti kienet talbet l-għajnuna tiegħu sabiex tagħmel abort fl-Ingilterra, liema affidavit qatt ma ġie investigat mill-Qorti u lanqas ma sar kontro-eżami da parti ta' Dr Mario Spiteri.

Issotni li darba minnhom kienet innutat persuna bil-qiegħda f'karozza barra d-dar tagħha issegwi x'qed tagħmel u dan kien l-Ispettur Rennie Stivala li kien ikkomunika ma' Dr Mario Spiteri tramite l-midja soċjali u sussegwentement tela' jixhed dwar il-każ quddiem Dr Maria Dolores Gauci.

Tirrakkonta episodju fejn irċeviet telefonata fejn ingħatat informazzjoni li Dr Mario Spiteri kellu wild minn persuna oħra waqt li kienu għadhom miżżewġin iżda minkejja t-telefonata fi proċeduri quddiem l-Imħallef Toni Abela rriżulta li dan ma kienx minnu. Tgħid li meta rċeviet it-telefonata kienet għamlet affidavit dwar dan li ġie injorat għal kollox mill-Imħallef Lofaro. Tispjega li kienet talbet li jsir test tad-DNA a spejjeż tagħha barra minn Malta iżda l-Qorti kienet appuntat professur Malti li kien jaf kemm lill-żewġha u kemm lill-bintha. Tgħid li wara l-Qorti insistiet li kienet hi li għażlet il-professur partikolari u li kienet insiet.

In sostenn tax-xhieda tagħha, ir-rikorrenti ppreżentat ukoll numru ta' **dokumenti** li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In **kontro-eżami** tikkonferma li fetħet kawża ta' paternità quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro u sussegwentement ċedietha. Tikkonferma li hi kienet talbet lill-istitut estern Eurofine sabiex jittestja d-DNA. Mistoqsija jekk kinitx taf li l-Profs Renald Blundell kien il-korrispondent tagħhom f'Malta, tgħid li hi ma riedet ebda Maltin jiġi nvoluti fid-DNA test għaliex Mario Spiteri kien ħadem għal ħafna snin fis-settur tas-saħħa u ma riedet lil ħadd.

Tikkonferma li qatt ma talbet lill-Qorti tal-familja biex terġa' tikkunsidra d-digriet tagħha ta' rikuża. Tikkonferma li quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro għad hemm pendenti l-kawża rigward id-dar matrimonjali.

L-**Avukat Dr Joseph Brincat** fl-affidavit tiegħu jgħid li wara numru ta' snin kien reġa assuma l-partoċinju tar-rikorrenti. Jispjega li fl-ewwel seduta li rrappreżentaha quddiem l-Imħallef Lofaro, l-Imħallef laqgħetu b'rimarki li ser titlob għalih. Jgħid li fehem li l-Imħallef kienet qed tara lir-rikorrenti f'dawl li għandha personalità mħawwda jew *personality disorder*. Jispjega li r-rikorrenti x'ħin ħarġu mill-awla wrietu li kienet indunat b'dan. Jgħid li dan jidher ukoll minn digriet fejn l-istess Imħallef irrifjutat talba għal rikuża.

Fix-xhieda tagħha **Charmaine Bugeja in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti** ippreżentat il-proċess kollu tal-kawża 272/2017 Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif ukoll kopji tal-verbali u dokumenti oħra mis-segwenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- Il-Kawża 35/2017 Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Imħallef Abigail Lofaro li għadha pendenti;

- Il-Kawża 863/2022 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Imħallef Myriam Hayman li għadha pendenti;
- Il-Kawża 925/2017 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Imħallef Toni Abela deċiża fit-12 ta' Jannar 2023, li appell minnha għadu pendenti;

Fl-affidavit tiegħu, il-kjamat in kawża **Dr Mario Spiteri** jgħid li hu kien intavola proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti sabiex tinbiegħ id-dar fil-Mosta, li nofsha tappartjeni lilu, u dan wara li r-rikorrenti kisret il-kondizzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni li hija tibqa' tgħix fid-dar basta tibqa' tgħix ta' mara miżżewġa.

Jispjega li minn dakinhar ir-rikorrenti fetħet numru ta' kawżi fil-konfront tiegħu fosthom kawża fejn qed jiġi allegat li bint is-sieħba tiegħu hija tiegħu, f'liema kawża hu ppreżenta rapport tad-DNA fejn ġie kkonfermat li mhix bintu, iżda r-rikorrenti insistiet li jsir test ieħor mill-Profs Blundell li wkoll ikkonkluda l-istess u għalhekk l-istess rikorrenti talbet li jiġi maħtur espert ieħor, liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti. Jgħid li sussegwentement fetħet proċeduri oħra quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u dawk pendenti quddiem l-Imħallef Lofaro (272/17 AL). Jispjega li l-kawża quddiem l-Imħallef Toni Abela tilfitha r-rikorrenti u appellat minnha.

Isostni li fil-kawża li fetaħ hu rigward id-dar (35/17 AL), hu għalaq il-provi u fil-provi tagħha, ir-rikorrenti ressqet lilu jixhed u ssaqsih dwar materja li m'għandiex x'taqsam u għalhekk il-Qorti allokat numru ta' seduti sabiex jiġu konklużi l-provi.

Jikkontendi li kienet ir-rikorrenti stess li talbet l-appuntament tal-Profs Renald Blundell u l-avukat tagħha kien għamillu anke eskussjoni. Isostni li għalhekk ma setatx toġġezzjoni bl-ebda mod għall-ħatra tiegħu u oltre` minn hekk naqqset milli titlob perizja perizjuri. Jispjega li Dr Renald Blundell kien il-persuna li jibgħat it-testijiet fl-istituti li riedet ir-rikorrenti stess fil-Ġermanja. Jgħid li la darba mbagħad kien għalaq it-terminu u ma ntalbitx il-perizja perizjuri, il-liġi ma kinitx tippermetti li ssir oġġezzjoni għall-espert.

Isostni li dak kollu li qed tagħmel ir-rikorrenti qed tagħmlu bl-għan li ttawwal il-kawża sabiex tinbiegħ id-dar. Jgħid li bl-ebda mod mhi qed timxi skorrett l-Imħallef Lofaro u anzi kontinwament qed tħalli lir-rikorrenti ttawwal sabiex tagħlaq il-provi tagħha.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tad-dokumenti ppreżentati mill-Avukat tal-Istat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrenti,** fis-sottomissjonijiet tagħha, tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Micallef vs Malta** deċiża fil-15 ta' Ottubru 2009 li titkellem dwar x'inhi l-liġi u l-interpretazzjoni li tingħata lill-imparzjalità u l-importanza tal-perċezzjoni tal-istess. Issostni li f'dan ir-rigward ċertu kummenti li għamlet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) jirriflettu animosita u tgħajjir u li juru li l-ġudikant kellha impressjoni sfavorevoli u *bias* kontra r-rikorrenti. Tagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni

**Lawrence Grech et vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 2017.

Issostni li r-rikorrenti ħasset li l-kummenti kienu ċari u tondi u jidhru bħala referenza għall-akkużi li hija mhux stabbli f'moħħha li tikkontendi li minnu nnifsu huwa kumment kattiv. Tirreferi għall-fatt li quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku l-kjamat fil-kawża allega li r-rikorrenti hija skizzofrenika – allegazzjoni li saret ukoll quddiem il-Qrati Ċivili.

Tikkontendi li b'hekk il-ġudikant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża minkejja li dan ma jaqax fil-kwadru tal-Artiklu 734 tal-Kap 12.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Min-naħa tiegħu, **l-Avukat tal-Istat** jissottometti preliminarjament li r-rikorrenti naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji li kienu disponibbli għaliha u dana stante li għalkemm *ai termini* tal-Artikolu 738 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemmx appell minn deċiżjoni ta' rikuża, il-Qorti f'dan il-każ, permezz ta' digriet datat 15 ta' Ġunju 2021, laqgħet it-talba għall-permess ta' appell iżda r-rikorrenti naqset milli tappella. Oltre minn hekk, isostni li setgħet titlob lill-istess Qorti terġa' tikkonsidra d-digriet tagħha *ai termini* tal-Artikolu 229(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda naqset ukoll milli tagħmel dan u għalhekk jikkontendi li din il-Qorti għandha tiddeklina mis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha.

Fil-mertu jisħaq li d-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u għalhekk din il-Qorti jeħtieġ tikkonsidra il-proċess kollu kemm hu flimkien mal-imġieba tal-Qorti.

Jissottometti li huwa prinċipju sagrosant li ġudikant għandu jitqies imparzjali dejjem u għalhekk talba għal rikuża m'għandiex tkun ikkunsidrata b'mod leġġer u dan b'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Emanuel sive Noel Ciantar v L-Aworità tal-Ippjanar et** deċiża fid-19 ta' Ġunju 2019. Oltre minn hekk, jgħid li la l-Konvenzjoni Ewropea u lanqas il-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu jedd li parti tagħżel il-ġudikant tagħha jew jedd li parti tiddel il-ġudikant jekk dan ma jkunx jinżel wisq tajjeb magħha, iżda kull sejħa għal rikuża trid tkun valutata fl-isfond tal-każ partikolari.

In kwantu għall-kriterji suġġettivi u oġġettivi ta' imparzjalità jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Lawrence Grech vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża fis-7 ta' Marzu 2017, id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Micallef vs Malta** deċiża fil-15 ta' Ottubru 2009 u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Louise Xerri v Il-Kummissarju tal-Artijiet** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2021. Isostni li mhux kull biża' ta' parti hija deċiżiva sabiex tittraduċi ruħha bħala biża' reali li timmerita r-rikuża ta' ġudikant.

Dwar il-prova miġjuba mir-rikorrenti jissottometti li l-allegazzjoni li l-Imħallef Lofaro għaddiet kummenti fuq ir-rikorrenti huma inveritiera għaliex dan ma jirriżulta minn l-ebda verbal. Oltre minn hekk, jgħid li falliet bil-kbir milli ġġib prova sufficjenti li dak li qegħda tallega huwa verament minnu u lanqas irnexxielha turi li b'xi mod hemm xi nuqqas ta' imparzjalità. Anzi jsostni li mid-dokumenti esebiti jidher li l-Imħallef kienet

paċenzjuża mmens u saħansitra anke ħadet konsiderazzjoni ta' nota tardiva da parti tar-rikorrenti.

Isostni li r-rikorrenti ma fadalliex interess ġuridiku sabiex tilmenta li ġew miksura d-drittijiet tagħha u dana stante li l-ilment tar-rikorrenti kien jikkonċerna l-kawża bir-referenza 272/2017, li r-rikorrenti stess ċediet fil-25 ta' Marzu 2022.

Jissottometti li jedd għas-smigħ xieraq ma jitkejjilx fuq jekk il-kawża tintrebaħx jew tintilifx u għalhekk ir-rikorrenti ma tistax targumenta li ma kellhiex smigħ xieraq għax ma kisbitx dak li xtaqet. Oltre minn hekk f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ngħatatx ir-rimedju li xtaqet mhux għax ġiet imċaħħda minnu iżda għax naqset hi milli ssegwi l-proċedura u b'hekk ċertament li l-ebda dritt ma ġie leż fil-konfront tagħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-**kjamat fil-kawża Dr Mario Spiteri** jgħid li permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qed titlob li l-Imħallef Abigail Lofaro għandha tastjeni mill-kawżi 35/17AL u 272/17AL. Isostni li l-mertu huwa eżawrit fil-konfront tal-kawża 272/17 u dana stante li l-kawża ġiet ċeduta mir-rikorrenti stess.

Jissottometti li hu m'għandu l-ebda interess jinsisti li tibqa' l-istess Imħallef fil-kawża iżda għandu interess li titħares l-integrità tal-proċeduri li huwa beda u dana stante li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma riżultat tal-fatt li l-Imħallef timxi bir-regola tal-proċedura kif suppost u mhux kif jiġi f'moħħhom xi ħadd mill-partijiet. Oltre minn hekk, ġew ippreżentati verbali u digrieti tal-istess Imħallef li bl-ebda mod ma juru n-nuqqas ta' imparzjalità da parti tal-Imħallef.

Isostni li anzi l-Imħallef lanqas biss qed tisma' l-provi hi fil-każ iżda jinstemgħu mill-Assistenta Ġudizzjarja u l-Imħallef saħansitra ċaħdet talba li jinstemgħu quddiemha direttament. Oltre minn hekk, l-Imħallef uriet paċenzja kbira mar-rikorrenti meta riedet li jinħatar espert ieħor u proċeduralment ma setax.

Jgħid li r-rikorrenti qatt ma għamlet talba ta' rikuża lill-Imħallef, anzi tissottometti diversi rikorsi. Isostni li huwa kontradittorju li wieħed jagħmel ir-rikors u jafda l-Imħallef li m'għandux fiduċja fih għad-deċiżjoni. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Sandro Chetcuti et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża fit-12 ta' Lulju 2005.

Isostni li ma nġiebet ebda prova konkreta dwar il-kliem li allegatament intqal mill-Imħallef Lofaro u oltre` minn hekk is-sehem tal-Imħallef fl-inkjesta dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia (li għal xi raġuni nġiebet prova tagħha) huwa għal kollox irrelevanti għall-każ odjern u bl-ebda mod ma juri li mhux qed timxi b'imparzjalita`.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżami u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imqajma mill-intimati fir-risposti tagħhom:

**Eċċezzjoni dwar in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju**

Fit-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u fir-raba' eċċeżżjoni tal-kjamat in kawża ġie eċċepit li din il-proċedura hija intempestiva stante illi r-rikorrenti m'eżawrietx ir-rimedji ordinarji li kienu a disposizzjoni tagħha u ċjoè li tappella wara li ngħatat permess tagħmel dan minn digriet li qed tilmenta dwaru, kif ukoll kellha rimedju ai termini tal-Artikolu 229(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 ta' April 201314 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*
>
> *c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
>
> *d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[1] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

[1] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

> *"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[2]

> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[3]

> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[4]

> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[5].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[6]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

B'hekk il-Qorti jeħtieġ teżamina jekk ir-rimedji proposti mill-intimati u ċjoè l-permess tal-appell mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u/jew ir-rimedju *ai termini* tal-Artikolu 299(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kienux jikkonsistu f'rimedju effettiv sabiex jiġi eżaminat kienx hemm elementi kemm oġġettivi u suġġettivi li jwasslu għall-astenzjoni tal-ġudikant.

---

[2] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994
[3] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 ta' April 1995
[4] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[5] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[6] Rik 40/10

Il-Qorti rat id-digriet tal-15 ta' Ġunju 2021 (a fol 127 tal-proċess allegat) u tinnota li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat lir-rikorrenti l-possibilità t'appell mid-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2021 (fol 120) fejn l-Imħallef ċaħdet it-talba li tirrikuża ruħha.

Il-Qorti tosserva wkoll l-Artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola s-segwenti:

> *738.(1) Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża, għandu jiddeċiedi huwa nnifsu fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni,* ***u kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell****, u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċida.*

In vista tal-artikolu ċitat, din il-Qorti ssib ferm stramb il-fatt li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat permess sabiex ikun jista' jsir l-istess appell meta l-liġi hija ċara u inekwivoka fil-fatt li m'għandux ikun hemm appell. **B'hekk din il-Qorti ċertament li ma tistax tqis dan ir-rimedju bħala wieħed effettiv stante li huwa rimedju li fil-fehma tagħha lanqas biss hemm il-possibilità legali li jingħata.**

Fir-rigward tal-Artikolu 299(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan jgħid testwalment hekk:

> *(4) Fil-każ ta' xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3),sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors ta' appell, il-parti aggravata tista', b'rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba udan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżentarisposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika.*

Il-Qorti tqis li dan huwa ċertament rimedju li kien disponibbli għar-rikorrenti u li r-rikorrenti m'utilizzatx. Madanakollu, l-probabilità hi li anke jekk kemm-il darba ġie u/jew jiġi utilizzat dan ir-rimedju, l-eżitu mhux ser ivarja. Għalkemm id-dritt ta' smigħ xieraq ma jiggarantixxi bl-ebda mod eżitu favorevoli għal min jinvokah, f'dan il-każ huwa diffiċli ferm li l-kunsiderazzjoni ser tkun waħda differenti u dana stante li l-Imħallef li jkun ċaħad talba biex jirrikuża ruħu, jkun diġà għarbel u kkunsidra r-raġunijiet għal dik it-talba u b'hekk huwa diffiċli ferm li wieħed jimmaġina xenarju fejn l-istess persuna, ħa terġa' teżamina l-istess fatti u tasal għal eżitu differenti. **Isegwi għalhekk li din il-Qorti ma tqisx l-Artikolu 299(4) bħala rimedju xieraq, effettiv u effikaċi f'dan ir-rigward.**

**Għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjoni kif dedotta mill-Avukat tal-Istat u mill-kjamat in kawża.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

Permezz tal-ewwel talba tagħha, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara li hemm elementi kemm oġġettivi u kemm soġġettivi li għandu jkun hemm l-astenzjoni tal-ġudikant sedenti fil-kawżi Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja bin-numri 35/17AL u 272/17AL li ġabu u aktar se jġibu vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**Il-kawża 272/17AL**

Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-intimat Avukat tal-Istat, kif ukoll il-kjamat in kawża jeċċepixxu li l-mertu fir-rigward tal-kawża bir-referenza 272/17 AL illum huwa eżawrit stante li r-rikorrenti, kif ikkonfermat minnha stess ċediet il-kawża.

Il-Qorti rat il-verbal tat-18 ta' Mejju 2022 fl-atti tal-kawża 272/2017 AL (a fol 83), u rat ukoll il-konferma tar-rikorrenti nnifisha fix-xhieda tagħha in kontro-eżami fejn ikkonfermat li ċediet l-istess kawża.

Flimkien ma' dawn rat l-ewwel talba kif dedotta mir-rikorrenti stess u ċjoè ***li għandu jkun hemm l-astenzjoni tal-ġudikant sedenti*** u tosserva li dan illum ċertament li ma jistax ikun stante li l-kawża llum ġiet itterminata u b'hekk m'għadx fadal il-possibilità li l-ġudikant sedenti tirrikuża ruħha u dana minħabba l-fatt li la m'għadx hemm kawża, m'għadx hemm ġudikant jippresediha. Oltre minn hekk, il-kawża ġiet itterminata bl-għażla tar-rikorrenti stess li ċedietha u għalhekk il-Qorti tqis li la r-rikorrenti m'għandha ebda interess li tkompli bil-kawża li hi stess intavolat, wisq aktar m'għandha l-ebda interess fir-rikuża tal-Imħallef li kienet qed tippresediha.

**Għaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-kawża 272/17AL u dana stante illi l-mertu huwa eżawrit.**

**Il-kawża 35/17 AL**

In vista tas-suespost, baqa' biss għalhekk li l-Qorti tiddeċiedi dwar il-kawża bir-referenza 35/17AL.

Il-Qorti tosserva d-deċiżjoni tagħha, diversament preseduta, fl-ismijiet **Louise Xerri vs Kummissarju tal-Artijiet et** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li nonostante l-fatt li l-artikolu 739 tal-Kap. 12 jagħti l-impressjoni li l-lista li hemm fl-artikolu 734 hija eżawrenti,* ***hemm istanzi fejn il-ġudikanti jistgħu jiġu rikużati ghal raġunijiet oltre dawk imsemmija fil-liġi***[7]*.*
>
> *Fis-sentenza* ***Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et,*** *mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005, ġie dikjarat illi:*
>
> *"Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar*

[7] Emfażi miżjud bħala referenza

*ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96). Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalità ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata rrimedju opportun.*

*...*

*Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et fis-17 ta' Lulju 1996 (Kost)."*

*Fis-sentenza* ***David Aquilina vs. L-Onor. Prim Minsitru et****, tal-31 ta' Mejju 2007, ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta li:*

*"****Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor, min jallega l-parzjalità ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalità fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa****[8];*

*Illi dwar dan ikollu jingħad li mhuwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta' imparzjalità jissemma' bħala sempliċi suspett: jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista' jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li leżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, seta' ma kienx imparzjali. Imma dan mhuwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta' ċirkostanza ta' imparzjalità jew ta' smigħ xieraq."*

*L-ebda parti f'kawża m'għandha tallega, mingħajr ġustifikazzjoni, li hemm leżjoni ta' smigħ xieraq b'tentattiv sabiex il-każ jinstema' minn ġudikant u mhux minn ieħor. Fuq din it-tema kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Appell fi provvediment mogħti fis-17 ta' Awwissu 2017 fl-appell* ***Sharon Rose Roche vs Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali et****:*

[8] Emfażi miżjud

*"Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalità suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "forum shopping". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq."*

*Dwar l-istitut tar-rikuża, fis-sentenza riċenti* ***Carmen Grixti vs Ivan Grixti,*** *deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Frar 2020 kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020, gie dikjarat:*

***"Din il-Qorti taqbel u tagħraf li r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża mhumiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f'każijiet eċċezzjonali, jista' ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jsarfu bħala xierqa għal tali astensjoni jew rikuża. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. In oltre l-aforisma 'justice must not only be done but must be seen to be done' trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari.[9]***

*...*

*L-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.*

*F'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalità, anke kif*

[9] Emfażi miżjud

*mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli.*

*L-aġġudikant bil-ġurament tal-ħatra tiegħu jiggarantixxi l-imparzjalità u l-indipendenza li jsawru id-dritt għas-smigħ xieraq u għalhekk jeżistu dawk is-salvagwardji meħtieġa fil-mod kif ikun appuntat l-aġġudikant u fil-mod ta' kif għandu jmexxi l-proċeduri.*

*...*

***Mil-lenti ta' imparzjalità oġġettiva, il-ġurisprudenza tgħallimna li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla.***[10] *B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża". Dan ifisser li sempliċiment dubju m'huwiex grad għoli biżżejjed li jwassal għal rikuża."*

Tosserva wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Micallef vs Malta** deċiża fil-15 ta' Ottubru 2009 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*93. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, inter alia, Fey v. Austria, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 42, ECHR 2000-XII).*

*94. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

---

[10] Emfażi miżjud

> *95. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*
>
> *96. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*
>
> *97. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*
>
> *98. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, ir-rikorrenti tallega li l-Imħallef in kwistjoni wriet *bias* fil-konfront tagħha u implikat li r-rikorrenti għandha problemi mentali. In sostenn ta' dan ir-rikorrenti ppreżentat affidavit tagħha stess u affidavit

tal-Avukat tagħha Dr Joseph Brincat. Din il-Qorti tinnota li d-dettalji mogħtija huma pjuttost sporadiċi, tant li lanqas jirreferu għal data ta' seduta partikolari.

Din il-Qorti tifhem li dan beda minn disgwid li nqala' bejn ir-rikorrenti u l-Imħallef fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2021, fejn fil-kawża 272/2017AL, li kienet mixja flimkien mal-kawża 35/2017 AL, ir-rikorrenti insistiet li ma kellhiex fiduċja fl-espert mqabbad mill-Qorti u l-Qorti nsistiet li dan kien l-espert tal-għażla tar-rikorrenti stess u t-terminu għat-talba ta' perizja perizjuri kien għalaq.

Jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-partijiet, kif ukoll mix-xhieda mogħtija in kontro-eżami tar-rikorrenti li kienet verament ir-rikorrenti li talbet l-espert partikolari u b'hekk din il-Qorti għandha quddiemha każ fejn ir-rikorrenti giddbet lill-Imħallef waqt seduta. **Il-Qorti tittama li r-rikorrenti tifhem kemm hi serja s-sitwazzjoni fejn parti tmeri lill-ġudikant fil-mori ta' proċedura u din il-Qorti tqis tali aġir bħala xejn inqas minn deplorabbli u mhux xieraq**. Oltre minn hekk, ir-rikorrenti reġgħet produċiet l-istess gidba fl-affidavit tagħha u kien biss fil-kontro-eżami li ammettiet l-iżball tagħha. B'hekk din il-Qorti tqis lir-rikorrenti bħala mhux kredibbli.

Mill-affidavit tal-Avukat Dr Joseph Brincat, din il-Qorti tifhem li l-Qorti *de quo* kellha kemmxejn ta' reazzjoni għall-kliem tar-rikorrenti u setgħet ghaddiet xi rimarki li forsi kien ikun aħjar illi ma għaddewx, iżda l-istess Avukat bl-ebda mod m'indika kliem preċiż li kellu xi implikazzjoni dwar is-saħħa mentali tar-rikorrenti - din kienet biss l-interpretazzjoni tal-istess Avukat, li lanqas pproduċa lil din il-Qorti almenu l-kliem eżatt li ntqal lilu. **Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tkun perikoluża immens jekk kemm-il darba għal kull nuqqas ta' qbil li jinqala' bejn parti u ġudikant tissarraf fir-rikuża tal-istess ġudikant, speċjalment fejn, bħal fil-każ odjern, il-ġudikant ġiet imgiddba wara li ppruvat timxi max-xewqat tal-istess parti.**

Oltre minn hekk, il-kjamat fil-kawża, li kien preżenti meta seħħ l-allegat inċident jgħid li hu ma jafx li saru dawn il-kummenti da parti tal-Imħallef.

Din il-Qorti tinnota wkoll partikolarment id-digriet tal-Qorti *de quo* tal-21 ta' Mejju 2021 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Il-Qorti terġa' tiċħad kategorikament illi hija qalet jew insinwat illi r-rikorrenti m'hijiex 'sana di mente'.*

Għalhekk din il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn għandha konferma li r-rikorrenti gidbet jew ttentat li tgiddeb lill-Imħallef, il-kjamat in kawża li kien preżenti u li qed jgħid li ma kien hemm l-ebda implikazzjoni dwar l-istat mentali tar-rikorrenti u d-Digriet tal-Qorti stess fejn kategorikament ċaħdet dak li hu allegat fil-konfront tagħha. Isegwi għalhekk li din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ma ġabet ebda prova konkreta li l-Qorti *de quo* uriet xi *bias* jew preġudizzju fil-konfront tagħha u l-Qorti ma tistax tqis illi r-rikorrenti ppruvat l-allegazzjonijiet taghha.

**Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm raġunijiet u/jew elementi kemm soġġettivi u/jew oġġettivi li għandhom jwasslu għall-astenzjoni tal-ġudikant sedenti fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fil-kawża bir-referenza 35/17AL.**

**<u>DECIDE</u>**

**GĦALDAQSTANT, għal dawn il-motivi, u wara illi l-Qorti fliet il-provi kollha mressqa u s-sottomissjonijiet magħmula, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari kif hawn fuq deċiż, u konsegwentement tgħaddi biex tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet u tiċħad it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrenti - (peress illi t-tieni talba ġja ġiet deċiża bis-sentenza in parte tal-24 ta' Settembru 2021) - stante li għar-raġunijiet mogħtija ma jirriżultax illi r-rikorrenti sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**Spejjeż kollha, inkluż tal-kjamat in kawża, jitħallsu mir-rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |